A.L. 70 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

A.L. 422 tal-2010.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "data ta' sottomissjoni ", minflok il-kliem "skond kif ikun il-każ, ikunu ġew reċevuti mill-Awtorità" għandhom jidħlu il-kliem "skond kif ikun il-każ, ikunu ġew riċevuti mill-Awtorità flimkien mat-talba ta' parteċipazzjoni fl-iskema FIT".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-proviso mar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "li jistgħu jibbenefikaw minn għotja ta' iktar minn 50% fuq l-investiment inizjali tal-kapital, jew" għandu jitħassar.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (7), għandhom jidħlu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(8) Bla ħsara għall-ħarsien tal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, fil-każ meta operatur ta' stallazzjoni iżid il-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx li tkun konnessa mas-sistema ta' distribuzzjoni, it-tariffa *feed-in* li għandha titħallas mill-Enemalta tkun dik li tapplika matul is-

sena meta dik il-kapaċità li tkun ġiet miżjuda tiġi notifikata lill-Awtorità jew awtorizzata minnha, u dik it-tariffa *feed-in* għandha titħallas għar-rigward ta' l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx kollha kemm hi kif tkun ġiet miżjuda fil-kapaċità.

(9) Meta l-operatur ta' stallazzjoni jkun ibbenefika minn għotja li ssir għal xi parti mill-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx, dik l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx kollha kemm hi għandha titqies bħala li tibbenefika mill-għotja sabiex jiġi deċiż liema tariffa *feed-in* tkun tapplika għall-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx kollha kemm hi.

(10) L-elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet differenti fl-istess fond għandu jitkejjel separatament, meta dawk l-istallazzjonijiet jiġġeneraw dak l-elettriku minn sorsi differenti ta' enerġija li tiġġedded.

(11) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, is-sid tal-istallazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi ta' enerġija li tiġġedded fl-istess fond jista' jagħżel li jew jesporta l-elettriku kollu ġenerat bit-tariffa *feed-in* li tapplika skond il-każ għal kull tip ta' sors ta' enerġija li jiġġedded kif imkejjel separatament, jew li jiġġenera l-elettriku primarjament għall-użu tiegħu nnifsu u biex jesporta l-elettriku żejjed li jipproduċi bl-inqas tariffa *feed-in* li tapplika u li titħallas għall-elettriku ġenerat u esportat lejn is-sistema ta' distribuzzjoni minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-sub-regolament (4) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kelma "tibdel" għandhom jidħlu l-kliem "jew iżżid fil-kapaċità";

(b) il-kliem "tat-tariffa *feed-in*." għandhom jinbidlu mill-kliem "tat-tariffa *feed-in*:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda li l-istess pattijiet u kondizzjonijiet li japplikaw għal dak il-perjodu ta' ħlas garantit tat-tariffa *feed-in* għandhom jibqgħu jgħoddu.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fil-proviso mar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-

regolamenti." għandu jidħol il-kliem "fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:" u minnufih wara għandu jiżdied dan li ġej:

"Iżda aktar fil-każ meta l-operatur ta' stallazzjoni jibbenefika jew kien jibbenefika minn għotja ta' iżjed minn 50% fuq l-investiment inizjali tal-kapital fir-rigward ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx, it-tariffa *feed-in* li għandha titħallas mill-Enemalta għandha tonqos b'€0.002 għal kull kWh għal kull 1% li jeċċedi l-imsemmi 50% tal-investiment inizjali tal-kapital riċevut bħala parti mill-għotja:

Iżda wkoll it-tariffa *feed-in* m'għandhiex tkun inqas mill-ispiża marġinali għal kull unità li għandha ġġorr l-Enemalta kif stabbilit fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

7. Fil-punt 3 tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "(kif ikun il-każ)" għandhom jidħlu l-kliem "flimkien mat-talba ta' parteċipazzjoni fl-iskema FIT". Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. Fil-punti 1 u 2 tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fis-sena 2010" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "fis-snin 2010 u 2011". Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. Minflok it-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jissostitwixxi t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"IT-TIELET SKEDA

(Regolament 7)

Ammont massimu totali ta' elettriku ġenerat mill-istallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni eliġibbli biex jibbenefika mit-tariffa *feed-in*

Sena	**Ammont massimu totali ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni eliġibbli biex jibbenefika mill-iskema FIT**
2010	12,000,000kWh
2011	24,000,000 kWh kif ukoll l-unitajiet kollha mhux allokati li jibqgħu mis-sena 2010

"

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "għas-sena 2010" għandu jidħol il-kliem "għas-sena 2011".